## Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
## bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.**

Il-Pulizija
(Spettur Josef Petroni)

vs

Stephen Sciberras

Seduta tal-llum 26 ta' Jannar 2001

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Stephen Sciberras (Xiberras) ta' 35 sena, iben Francis u Elizabeth nee' Tanti, imwieled il-Pieta', karta tal-Identita' 390063 (M), kif riportati a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

> Nakkuzzah talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Gunju 1998 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;
>
> (a) bi qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanufattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex tqassam xi artiklu jew si haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta u dan bi skur ta' l-Artikolu 298 (B) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
> (b) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema, imxebbhin b'qerq u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 (1) (f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
> (c) bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa jew immanufattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex tqassam minn post

jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja, jew bhala parti minn attivita koperta b'tali licenzja xi artiklu jew xi haga ohra bi ksur u protetti bil jew that il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur tal L-Avviz Legali 120/92;

(d) u aktar talli huwa sar recediv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liigijet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), datata 4.8.93 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

**Il-Qorti intalbet sabiex barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha u cioe l-Audio Cssettes ikkuppjati esebiti.**

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali tal-11 ta' Awissu 1998 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ddikjara li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu ikun trattat bl-istess procedura;

Semghet il-provi bil-gurament:

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-prosekuzzjoni ressqet tlett xhieda u cioe l-ispettur prosekutur, PC 1123 Vince Micallef u certu Alan Ciangura; L-ispettur ddikjara li meta saret l-ispezzjoni minnu u minn PC 1124 fit-23 ta' Gunju 1998 fil-hanut Starlite Video mgharuf ukoll bhla J.J. 2, 15 Market Street, Victoria, Ghawdex ma sab xejn irregolari meta ezamina s-C.D's izda kellu dubji dwar l-originalita ta' xi sittin audio cassette u elevhom.

PC 1124 Vince Micallef esebixxa 64 audio cassette ta' marki differenti elevati minnu u mill-ispettur Petroni minn Starlite Video Centre;

Fis-seduta tat-8 ta' Jannar 1999 xehed s-Sur Alan Ciangura li qal li jahdem ma' kumpanija ta' security mqabbda mill-Association of Copyrights Theft. Huwa qal li fuq struzzjonijiet li kellu acceda Ghawdex u ghamel stharrig f'diversi hwienet. Fil-hanut" Starlite Video

jew J.J's" sab xi C.D's illi kienu kopja u xtara ukoll sample u esebixxa ricevuta. Din is-CD kienet esebita minn dan ix-xhud. Ix-xhud spjega kif din is-CD tammonta ghall-kopja.

Oltre dawn ix-xhieda ma xehed hadd aktar u l-prosekuzzjoni iddikjarat fis-seduta tat-8 ta' Jannar 1999 illi ma kienx fadlilha aktar provi. Id-difiza ma resqet l-ebda prova;

Minn ezami tal-atti jirrizulta illi fil-waqt illi l-ispettur prosekutur jghid illi ma kien sab xejn hazin dwar is-CD's izda kellu suspett fuq il-genwinita' ta' audio cassettes, is-Sur Ciangura qal li is-CD's minnu spezzjonati kienu "pirate copies". L-ispettur prosekutur in sostenn tat-talba tieghu esebixxa 64 audio cassettes. Minn dan kollu il-Qorti tinnota illi hawn elementi konflingenti. Dak li jghid is-Sur Ciangura ma hu ta' l-ebda portata f'din il-kawza ghaliex huwa xhud *ex parte* u l-opinjoni tieghu ma tistax tghamel parti minn dawn l-atti. Id-deposizzjoni ta' dan ix-xhud titqies biss bhala stat ta' fatt biex jipprova dak li kien hemm fil-hanut de quo. Oltre dan, il-Qorti ma tistax tifhem x'kien hemm indubitat u cioe' jekk kienux l-audio cassettes jew is-CD's (ossia CD);

Il-prosekuzzjoni esebiet fotokopja ta' kwerela ta' Dr. Patrick Galea LL.D. Din il-kwerela fl-ewwel lok ma kienitx konfermata bil-gurament u fit-tini lok ma ngiebitx prova tal-prokura. Din il-Qorti ma tistax tassumi illi l-Kwerelant ghandu ir-rappresentanza li jghid li ghandu jekk dan ma jkunx sostnut u pruvat;

Quddiem din il-Qorti ma ngiebet l-ebda prova ta' ness bejn l-imputat u l-hanut Starlite Video Centre jew il-J.J's jew il-J.J.2. – haga indispensabbli f'kawzi ta' din in-natura quddiem Qorti b'din il-kompetenza;

Minn dak kollu fuq konsiderat, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma hemm l-ebda prova biex tinstab htija kontra l-impuat.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah minn kull akkuza migjuba kontra tieghu.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur